**Kundizzjonijiet**

**<u>L-Ewwel Klawżola</u>:** Filwaqt li aħna nagħmlu ħilitna biex nissupplixxu l-oġġetti rriklamati lill-applikanti kollha, aħna m'aħniex f'qagħda li dan niggarantuh. L-applikkazzjonijiet jiġu proċessati fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

**<u>It-Tieni Klawżola:</u>** Iċ-Ċentru tat-Tqassim tal-Muniti ta' Malta jżomm il-jedd li (i) ibiddel il-prezz ta' kwalunkwe oġġett. F'dan il-każ, l-applikanti jkunu mgħarrfin bil-miktub bil-prezz mibdul u jingħataw l-għażla li jew iħallsu l-prezz il-ġdid, jew inkella jħassru l-applikazzjoni tagħhom; u (ii) iwaqqaf il-bejgħ ta' kwalunkwe oġġett. F'dan il-każ, il-flus li jkunu tħallsu jintraddu lura lill-applikanti.

**<u>It-Tielet Klawżola:</u>** Iċ-Ċentru tat-Tqassim tal-Muniti ta' Malta jżomm id-dritt li jiċħad kwalunkwe applikazzjoni.

**<u>Ir-Raba' Klawżola:</u>** Jekk it-talba għal xi oġġett jew oġġetti tkun ikbar mill-għadd maħruġ, jew jekk xi oġġett jew oġġetti jkunu nħlew, il-flus li jkunu tħallsu għalih jew għalihom jintraddu lura, iżda l-flus li jkunu tħallsu għall-oġġetti l-oħrajn jinżammu.

**<u>Il-Ħames Klawżola</u>:** Il-prezz sħiħ jingħata meta l-ordni tiġi kkonfermata. Il-prezzijiet ikunu jħaddnu fihom il-V.A.T., l-assikurazzjoni, it-tqandil u s-sarr, u l-pustaġġ reġistrat. L-ordnijiet lokali bil-posta għandhom jinkludu ammont iżjed għal kull muniti sabiex ikopri l-pustaġġ u t-tqandil.

**<u>Is-Sitt Klawżola:</u>** Il-ħlasijiet ikunu jistgħi jsiru permezz ta' ċekk personali jew ta' ċekk maħruġ minn bank, jew inkella b'Euroċekk. Ħlasijiet bil-karti ta' kreditu ma jintlaqgħux. Qabel ma nibagħtu l-muniti jeħtieġ li nirċievu l-ħlas bil-quddiem flimkien mat-talba għax-xiri.

Trasferimenti bankarji bl-euro għandhom isiru fil-kont ta' l-euro tagħna Nru. 100/955036900; Isem il-Kont "Bank Ċentrali ta' Malta" (Code Bankarju 500 70010, Code BIC DEUTDEFF) li għandna mad-Deutsche Bank, Frankfurt.

Ħlasijiet bl-Isterlina għandhom isiru fil-kont GBP tagħna Nru. 00343238 li għandna ma' l-HSBC Bank LD, Fergħa Internazzjonali, P.O. Box 181, 27-32 Poultry, Londra (Code BIC MIDLGB22).

Ħlasijiet bid-Dollaru Amerikan għandhom isiru fil-kont USD tagħna li għandna ma' JPMorgan Chase, 270 Park Avenue, New York NY 10017 (Code BIC CHASUS33).

**<u>Is-Seba' Klawżola:</u>** Kull ordni jew talba għal stima tinħadem fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' meta taslilna.

**Twissija Importanti**

Biex issir ordni ma jinħtieġ ebda numru tal-klijent.